31994D0156

L 73/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 16.3.1994

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-21 ta' Frar 1994
dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni taż-Żona tal-Baħar Baltiku (il-Konvenzjoni ta' Helsinki)

(94/256/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 130s, flimkien ma Artikolu 228(3) u l-ewwel sub-paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi, skond Artikolu 130r tat-Trattat, il-politika tal-Komunità dwar l-ambjent hija li tikkontribwixxi għall-miri li ġejjin: li tippriserva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent, li tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u li tuża b'mod prudenti u razzjonali r-riżorsi naturali; billi, iktar minn hekk, il-Komunità u l-Istati Membri qegħdin jikkoperaw, ġewwa l-qafas tal-ġurisdizzjonijiet rispettivi tagħhom, ma pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti;

Billi l-Komunità adottat miżuri fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni taż-Żona tal-Baħar Baltiku tas-sena 1974 (il-Konvenzjoni ta' Helsinki) u għandha taġixxi fil-livell internazzjonali f'din iż-żona;

Billi l-Kummissjoni ilha tipparteċipa bħala osservatur fil-laqgħat tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Tal-Baħar Baltiku mid-19 ta' Frar 1991;

Billi l-Kummissjoni kienet qiegħda tipparteċipa wkoll fil-laqgħat tal-grupp *ad hoc* stabbilit għalbiex jirrevedi l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Tal-Baħar taż-Żona tal-Baħar Baltiku;

Billi l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Tal-Baħar taż-Żona tal-Baħar Baltiku kienet bla ħsara għall-emendi maħsuba sabiex jippermettu l-adeżjoni tal-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Komunità Ewropea għandha taderixxi mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar taż-Żona tal-Baħar Baltiku tas-sena 1994 (Il-Konvenzjoni ta' Helsinki).

It-test tal-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jiġi awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni mogħtija l-poter li jiddepożitaw l-istrument tal-adeżjoni skond Artikolu 26 tal-Konvenzjoni.

Magħmula fi Brussell, fil-21 ta' Frar 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

Th. PANGALOS

---

[1] ĠU Ċ 222, ta' l-1.8.1993, p. 13.
[2] ĠU Ċ 315, tat-22.11.1993.
[3] ĠU Ċ 34, tat-2.2.1994, p. 5.